



Brussell, 8 ta' Settembru 2023
(OR. en)

12605/23

**Fajl Interistituzzjonali:
2021/0399(COD)**

**COPEN 296
CT 138
ENFOPOL 366
JAI 1100
CODEC 1522**

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/671/ĠAI, fir-rigward tal-allinjament tagħha mar-regoli tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-data personali (I-ewwel qari) - Adozzjoni tal-att leġiżlattiv

1. Fl-1 ta' Diċembru 2021, il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta tagħha¹ lill-Kunsill, ibbażata fuq l-Artikolu 16(2) TFUE.
2. Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data bagħat il-kummenti formali tiegħu fil-25 ta' Jannar 2022².
3. Fit-12 ta' Lulju 2023, il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta tal-Kummissjoni. L-eżitu tal-votazzjoni fil-Parlament Ewropew jirrifletti l-ftehim ta' kompromess li ntlaħaq bejn l-istituzzjonijiet u għalhekk għandu jkun aċċettabbli għall-Kunsill³.

¹ 14706/21.

² 5804/22.

³ 10966/23.

4. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jikkonferma l-qbil tiegħu u jissuġġerixxi li l-Kunsill⁴⁵ japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, kif tidher fid-dokument

PE-CONS 30/23, bħala punt "A" tal-aġenda ta' laqgħa li jmiss.

5. Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att leġislattiv ikun adottat.

Wara li jiġi ffirmat mill-Presidenti tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, l-att leġislattiv jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

⁴ Id-Danimarka mhijiex marbuta, jew soġġetta għall-applikazzjoni tar-regoli stabbiliti f'din id-Direttiva li huma relatati mal-ipproċessar ta' data personali mill-Istati Membri meta jwettqu attivitajiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Kapitolu 4 jew tal-Kapitolu 5 tat-Titolu V tal-Parti Tlieta tat-TFUE.

⁵ L-Irlanda mhijiex marbuta bir-regoli stipulati f'din id-Direttiva li għandhom x'jaqsmu mal-ipproċessar ta' data personali mill-Istati Membri meta jwettqu attivitajiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Kapitolu 4 jew tal-Kapitolu 5 tat-Titolu V tal-Parti Tlieta tat-TFUE fejn l-Irlanda mhijiex marbuta bir-regoli li jirregolaw il-forom ta' kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali jew kooperazzjoni tal-pulizija li jeħtieġu konformità mad-dispożizzjonijiet stabbiliti abbażi tal-Artikolu 16 TFUE.